IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

**Stqarrija għall-Istampa**
**Il-Lussemburgu, it-2 ta' Lulju 2015**

## Skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet – il-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq u l-implimentazzjoni tal-ETS jeħtieġu aktar titjib – jgħidu l-Awdituri tal-UE

**Rapport ippubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) isib li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma mmaniġġjawx b'mod adegwat l-aspetti kollha tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS), li hija element prinċipali tal-pakkett tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Filwaqt li l-awdituri nnutaw titjib sinifikanti introdott fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-integrità tal-EU ETS bħala mekkaniżmu bbażat fuq is-suq, xi kwistjonijiet xorta kellhom jiġu indirizzati biex tittejjeb aktar l-integrità tas-suq. L-iskema batiet ukoll minn dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni fil-Fażi II (2008-2012). Ir-rapport jirrakkomanda titjib għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq, biex b'hekk titħeġġeġ il-kunfidenza tal-investituri u l-EU ETS tiġi ingranata bħala għodda tal-politika ambjentali.**

*"L-EU ETS hija l-pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima. Mill-introduzzjoni tagħha 10 snin ilu 'l hawn, din ittejbet progressivament. Iżda jista' jsir aktar f'għadd ta' oqsma, bħal kontrolli fuq il-ftuħ ta' kontijiet tal-EU ETS, il-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet, is-superviżjoni tas-suq u l-verifikazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet fl-installazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbu l-integrità tas-suq u l-implimentazzjoni tal-iskema, u b'hekk din issir għodda aktar b'saħħitha għall-ilħuq tal-miri għat-tibdil fil-klima sal-2020 u lil hinn,"* ***ikkummenta Kevin Cardiff, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport.*** *"Minħabba l-interessi finanzjarji konsiderevoli involuti fis-suq tal-karbonju li jiswa bosta biljuni ta' euro, inċidenti preċedenti ta' sigurtà, u l-għan tal-promozzjoni ta' azzjoni reali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq jeħtieġ xi titjib, u l-iskema għandha tiġi implimentata aħjar."*

Ir-riforma attwali tal-ETS (introduzzjoni ta' *"riżerva tal-istabbiltà tas-suq"* u dibattitu relatat jiffokaw fuq l-effettività tagħha u fuq kif għandha tiġi ttrattata l-ħażna eċċessiva ta' kwoti tal-emissjonijiet, ħaġa li ma kinitx fl-ambitu ta' dan ir-rapport.

L-awditu tagħna juri li l-attenzjoni trid tingħata għall-integrità u l-implimentazzjoni tas-suq, biex b'hekk l-UE tista' tkun aktar kunfidenti li l-politika emblematika hija mgħammra bis-sħiħ biex tindirizza t-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-awdituri sabu li l-ġestjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ta' ċerti aspetti tal-EU ETS, b'mod partikolari matul il-Fażi II, ma kinitx adegwata għalkollox. Kien hemm problemi bil-qafas għall-protezzjoni tas-suq fil-kwoti tal-emissjonijiet, kif ukoll problemi bl-implimentazzjoni reali tal-iskema.

Rigward il-qafas, anke wara l-inklużjoni tas-suq fil-kwoti tal-emissjonijiet tal-ETS fl-ambitu tad-Direttivi Ewropej għall-istrumenti finanzjarji u r-regolamentazzjoni tas-suq, jifdal xi kwistjonijiet relatati ma' negozjanti li mhumiex meħtieġa jikkonformaw, negozjar spot bilaterali barra l-Borża u parteċipanti iżgħar fis-suq. Ma ġiet stabbilita l-ebda sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE, u kooperazzjoni li tinvolvi regolaturi nazzjonali u l-Kummissjoni nstabet li ma kinitx biżżejjed, li jista' jimplika li distorsjonijiet u anomaliji b'effetti potenzjalment serji ma jiġux immaniġġjati b'mod xieraq. L-awdituri nnutaw ħtieġa għal definizzjoni legali aktar ċara ta' kwoti tal-emissjonijiet u għall-ħolqien u l-protezzjoni ta' interessi ta' sigurtà fi kwoti tal-emissjonijiet, li tista' tgħin lis-suq jiffunzjona b'mod aktar effettiv. Aktar progress huwa wkoll meħtieġ rigward ir-reġistru tal-Unjoni b'riskju għoli għall-ipproċessar ta' *data* fundamentali tal-ETS: b'mod partikolari kontrolli aktar stretti fuq il-ftuħ ta' kontijiet u monitoraġġ imtejjeb tat-tranżazzjonijiet. Minkejja dan, ir-rapport jirrikonoxxi li kien hemm tnaqqis sinifikanti f'inċidenti rrappurtati fis-snin reċenti.

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu*

**ECA Press**
**Damijan Fišer - Press Officer**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: EUAuditorsECA eca.europa.eu**

L-awdituri qabdu dgħufijiet importanti fl-implimentazzjoni tal-iskema mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, is-sistemi għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-emissjonijiet ma ġewx implimentati jew armonizzati biżżejjed fil-Fażi II, b'lakuni fil-gwida u l-monitoraġġ tal-Istati Membri mill-Kummissjoni, kif ukoll nuqqas ta' trasparenza fil-valutazzjoni tagħha ta' pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni. Xi Stati Membri ma pprovdewx ir-rapporti kollha meħtieġa dwar l-operazzjoni tal-iskema, u l-Kummissjoni ma ppubblikatx ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni meħtieġ, filwaqt li l-impatt ta' forums ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kien limitat minħabba l-livell baxx ta' parteċipazzjoni minn dawn tal-aħħar.

Il-Kummissjoni kellha rwol limitat fl-iżgurar tal-armonizzazzjoni ta' kontrolli ewlenin fl-implimentazzjoni tal-iskema mill-Istati Membri. L-awdituri ma setgħux jivvalutaw l-effettività tas-sistemi diversi tas-sanzjonijiet minħabba nuqqas ta' informazzjoni konsolidata fil-livell tal-Istati Membri u dak Ewropew, u jwissu li prattiki diverġenti bejn l-Istati Membri, li jikkonċernaw ir-regoli speċifiċi għaċ-ċediment ta' krediti internazzjonali tal-proġetti, jistgħu potenzjalment jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi.

## Noti lill-edituri:

Ir-rapporti speċjali tal-QEA huma ppubblikati matul is-sena kollha u jippreżentaw is-sejbiet ta' awditi magħżula ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi tal-UE. Dan ir-Rapport Speċjali (Nru 6/2015) intitolat "**L-integrità u l-implimentazzjoni tal-EU ETS**", jivvaluta jekk l-ETS kinitx immaniġġjata b'mod adegwat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Introdotta fl-2005 u attwalment fil-Fażi III tal-implimentazzjoni, l-EU ETS hija kemm il-politika emblematika tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll l-akbar sistema ta' limitu u skambju fid-dinja għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG). Tqiegħed limitu, li qiegħed jonqos b'mod regolari, fuq l-emissjonijiet kumplessivi minn setturi tal-industrija b'livell għoli ta' emissjonijiet. Il-limitu jirrestrinġi emissjonijiet ta' aktar minn 11 000 installazzjoni madwar l-UE, li jużaw ħafna enerġija, li jkopri madwar nofs l-emissjonijiet ta' GHG. Dawn l-installazzjonijiet jirċievu kwoti tal-emissjonijiet jew jixtruhom fl-irkant, u jistgħu wkoll jinnegozjaw il-kwoti tal-emissjonijiet kif meħtieġ.

Il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni fuq terminu twil għall-emissjonijiet ta' GHG jimmira lejn tnaqqis ta' 80 % sal-2050. Il-Kunsill qabel dwar l-objettivi ta' qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u approva mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis domestiku ta' mill-anqas 40 % f'gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990. L-EU ETS se tkompli jkollha rwol ċentrali fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament reċentement laħqu ftehim dwar l-introduzzjoni ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq biex tindirizza l-problema ta' eċċess tal-kwoti tal-emissjonijiet li huma ta' periklu għas-suq u li qed jagħmlu pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tas-suq.

L-awdituri eżaminaw jekk ġiex stabbilit qafas xieraq għall-protezzjoni tal-integrità tal-iskema bħala mekkaniżmu bbażat fuq is-suq. Huma ħarsu wkoll lejn l-implimentazzjoni reali tal-EU ETS fil-Fażi II (2008-2012), biex b'hekk ikunu jistgħu jinsiltu tagħlimiet għall-iżviluppi futuri ta' din il-politika. L-awdituri ċċekkjaw kif il-Kummissjoni ggwidat l-isforzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni u jekk issodisfatx l-obbligi tagħha stess. Inkisbet evidenza minn seba' Stati Membri magħżula skont il-volum u t-tipi ta' emissjonijiet (il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Polonja, ir-Renju Unit, il-Greċja u Spanja). Fil-livell tal-Istati Membri, l-awditu ffoka fuq l-allokazzjoni u ċ-ċediment ta' kwoti tal-emissjonijiet, fuq sistemi għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni tal-emissjonijiet, u fuq sanzjonijiet.

## Rakkomandazzjonijiet

L-awdituri tal-UE jirrakkomandaw kif ġej:

- il-Kummissjoni għandha tindirizza l-kwistjonijiet li jifdal fir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet sabiex tittejjeb aktar l-integrità tas-suq;
- l-istatus legali tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiġi kkjarifikat aktar sabiex jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-kunfidenza;
- ċerti aspetti tas-sistemi għall-ipproċessar ta' informazzjoni fundamentali tal-EU ETS (ir-reġistru tal-Unjoni u proċeduri relatati) għandhom jittejbu aktar;
- il-qafas ta' kontroll fil-livell tal-Istati Membri għandu jiġi applikat aħjar biex b'hekk jiżgura li d-dgħufijiet identifikati jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Fażi III tal-EU ETS (2013-2020);
- matul il-Fażi III, il-livell ta' gwida u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS għandu jittejjeb;
- l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fir-rigward tal-EU ETS għandha ssir aktar trasparenti. Informazzjoni aġġornata u preċiża għandha tkun disponibbli, fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE, dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' proċeduri ta' penali, u l-Kummissjoni għandha timmonitorja aħjar il-prattiki ta' infurzar madwar l-UE kif ukoll l-applikazzjoni konsistenti ta' penali nazzjonali.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati mill-Kummissjoni u se jiġu segwiti. It-test sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet huwa disponibbli fir-rapport speċjali, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni.